Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 23/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 26 ta' Lulju 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:45

Post: Uffiċċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Twanny Bonavia	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Mario Fava	President AKL		Preżenti (Parti mil-laqgħa) – il-laqgħa ġiet sospiża u marru fi stadju ta' Kumitat

23. 1 Ittri ta' Apoloġija

23.1.1 Il-President semma li s-Sur Jorge Grech u s-Sur Wayne Aquilina, talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li s-Sur Joseph Abela Galea ma kienx informa li mhux ser jattendi u għaldaqstant tniżżel bħala assenti.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

23.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.22

23.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 22 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

23.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 19

23.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata is-Sur Jorge Grech u s-Sur Alfred Zammit ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Ġunju 2023 u s-26 ta' Lulju 2023 li kienet tammonta għall-€239,408.28.

23.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

23.4.1 Ħaddiema RSSL	Il-President ta ħarsa lejn l-iskeda u ra li hem qbil bejn is-Sindki meta kienu ser jieħdu l-impjegati sabiex jagħmlu xogħlijiet fil-lokal.
23.4.2 CCTVS	Il-President semma li kienet saret laqgħa ma' kuntrattur sabiex jiġu diskussi l-possibbilitajiet ta' CCTVs li jistgħu jinxtraw u anki sabiex ir-Reġjun ikollu indikazzjoni ta' spiża. Il-President semma li ser ikun qed jiltaqa' ma' kuntratturi oħrajn qabel jinkiteb it-tender sabiex wieħed jara x' hemm fis-suq.
23.4.3 LESA	Il-President semma li minkejja li kien hemm konferma li LESA ser tirrifondi lir-Reġjun spejjeż ta' Tribunal tas-sena 2023 kif kien jgħid l-ftehim li kien jiskadi fis-sena 2021, minkejja li r-Reġjun għadda d-dokumenti kollha sa issa l-Aġenzija kienet għada ma rrifondietx dawn l-ispejjeż.
23.4.5 Skema għall-latrini awtomatiċi	Il-President talab li l-Kunsilli jinfurmaw lir-Reġjun liema latrini kien ser isir ix-xogħol fihom. Semma li l-fond disponibbli huwa ta' €360,000.
23.4.6 Social Impact Assessment	Il-President semma li kienu bdew isiru l-preparamenti sabiex isiru focus groups għas-Sindki u l-Kunsilliera. Huwa ħeġġeġ lis-Sindki sabiex jattendu u jħajjru lill-Kunsilliera sabiex jattendu wkoll.
23.4.7 Intervista għar-Reġistratur – Triunal Żejtun	Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkompla l-proċess mal-Jobsplus u kienet daħħlet applikazzjoni waħda u li kien ser jerġa' jiltaqa' l-Board tal-Intervisti li kien hemm magħżul meta fetħu l-applikazzjonijiet.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

	Il-President semma li tħalset il-kera ta' din l-art lil Lands.
23.4.8 Art b' devoluzzjoni lir-Reġjun	
23.4.9 Attivitajiet – Football għall-bniet	Il-President semma li kienu tqassmu l-flyers lill-Kunsilli Lokali sabiex jinkoraġġixxu lill-bniet sabiex jattendu għal din l-attivita'. Semma li l-attivita' kienet saret imma li kien jinstab diżappuntat li ħadd mis-Sindki ħlief is-Sindku ta' Ħaż-Żabbar ma kien attenda.
23.4.10 Kundizzjoni tal-Binja tal-Awla	Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa li d-dokument tas-sejħa kien intbgħat mill-Periti imma hemm bżonn li wieħed jerġa' jarah u anki jikkwantifika s-somma li biha ser toħroġ is-sejħa. Issemma wkoll li s-seduti fl-awla għadhom għaddejjin u l-amministrazzjoni għaddejja mil-Binja tal-Gvern Lokali ġewwa l-Marsa.
23.4.11 Belt Kulturali Ewropea	Il-President semma li huwa kien irċieva mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lista ta' persuni li ġew innominati mill-Kunsill fuq il-Board. Il-President semma li minn dawk is-seba' persuni li ssemmew ma jidhirx li kien hemm imniżżla s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun u tal-Kunsill Lokali kif kien propost mill-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti. Il-President semma wkoll li kien għaddej due diligence mil-avukati u semma li jidher li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ppreżenta r-rapport awditjat tas-sena 2018 bħala l-aħħar rapport finanzjarju li huwa komplut u awditjat. Il-President semma li din taf tkun ta' problema u qal lis-Sindku sabiex jara li l-proċess biex jingħaqlu snin finanzjarji oħra jitkompla mingħajr dewmin. Kien hemm qbil li l-partijiet ikkonċernati jitolbu laqgħa mas-Segretarju Permanenti sabiex jiġu ċċarati xi affarjiet.
23.4.12 Skema Clean Up	Il-President semma li r-Reġjun issottometta l-applikazzjoni f' iskem il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Żabbar, Xgħajra, Floriana u Kalkara. Semma li d-Dipartiment qed jitlob kopja tal-minuti ta' kull Kunsill Lokali li qed jipparteċipa u mhux tar-Reġjun biss. Għaldaqstant talab lis-Sindki sabiex jerġgħu jinfurmaw lis-Segretarji sabiex jibgħatuhom sad-data mitluba.
23.4.13 Fondi tal-LESA – Infurzar	Il-President semma li kien kif kien diskuss fil-laqgħa preċidenti hemm allokat €4,000 għal kull Kunsill. Semma li wieħed jirrevedi s-somma meta jkun meħtieġ.

Reġjun biss. Għaldaqstant talab lis-Sindki sabiex jerġgħu jinfurmaw lis-Segretarji sabiex jibgħatuhom sad-data mitluba.

23.4.13 Fondi tal-LESA – Infurzar

Il-President semma li kien kif kien diskuss fil-laqgħa preċidenti hemm allokat €4,000 għal kull Kunsill. Semma li wieħed jirrevedi s-somma meta jkun meħtieġ.

23.4.14 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali

Il-President semma li jidher li hemm problema bil-ġbir ta' skart il-Birgu u x-Xgħajra. Dan għaliex il-kollettur l-ewwel qed jibda bil-Birgu jmur ikompli x-Xgħajra u jerġa' jmur il-Birgu. Dan qed jimpatta fuq l-ammont ta' ħlas li x-Xgħajra qed ikollu jħallas meta x' aktarx qed jiġbor il-parti tal-Ħawli ma' dak tax-Xgħajra. Il-President semma li kien għamel laqgħa mas-Sindki tal-lokalitajiet imsemmija flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi u l-kollettur. Semma li jidher li hemm qbil li s-Sindku tax-Xgħajra jmur mal-kollettur jiżen l-iskart il-Wasteserv qabel ikompli jiġbor u dan l-ammont jiġi nnutat u mnaqqas mil-piż mixħut fuq il-Kunsill tax-Xgħajra.
Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li din is-sistema mhiex ser taħdem għax sabiex jinħarġu l-invoices lill-Kunsilli Lokali hija trid tirrikonċilja mar-rapport tal-Wasteserv kif ukoll ma' chits li jipprovdu l-kolletturi.

23.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjaru għat-tieni kwart tas-sena 2023

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat u spjegat l-overview li kien hemm preżentat mar-rapport finanzjarju.

23.5.2 Il-President talab l-approvazzjoni tar-rapport. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva r-rapport kif preżentat.

23.6 Sospensjoni tal-laqgħa

23.6.1 Il-President talab li l-laqgħa tkun sospiża għall-stadju ta' kumitat sabiex jidħol il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Is-Segretarja talbt li tħalli l-laqgħa.

23.6.2 Għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija l-laqgħa tkompli u s-Segretarju Eżekuttiv reġa' intalab jidħol għal-laqgħa.

23.7 Komunikazzjoni mill-Membri

23.7.1 Is-Sur John Boxall semma li fil-laqgħa preċidenti r-Reġjun irrifjuta li jiffinanzja parti mill-Birgu Fest minħabba li kien hemm emendi fil-fondi allokati mal-iskemi li r-Reġjun kien ser jagħti lill-Kunsilli Lokali. Is-Sur Boxall semma li huwa bħala Kunsill Lokali kien ser jirtira mill-iskema t' CCTVs li kien ser jagħmel ir-Reġjun peress li huwa kien applika għal dawn minn fond ieħor. Għaldaqstant semma li fid-dawl ta' dan huwa kien qed jerġa' jressaq il-proposta sabiex il-Birgu jingħata €10,000 sabiex jiffinanzja parti mill-Birgu Fest.

Għaldaqstant, il-President aċċetta t-talba tas-Sur Boxall u r-Reġjun ser ikun qed jagħti s-somma ta' €10,000 sabiex tiffinanzja parti mill-Birgu Fest.

23.7.2 Il-President ressaq żewġ talbiet li kien irċieva mill-Banda La Valette sabiex isiru żewġ attivitajiet, waħda f' Novembru u oħra f' Marzu. Semma li dawn iridu madwar €50,000 sabiex jittellgħu dawn l-attivitajiet.

Il-Membri tal-Kumitat ma qablux ma din il-proposta minħabba kemm il-preċident li tista' toħloq u anki diżgwit bejn l-NGOs tal-lokal u l-Kunsill Lokali kif ukoll l-ammont tas-somma mitluba huwa wieħed massiv. Għaldaqstant kien hemm qbil li r-Reġjun ma jkunx qed jassisti finanzjarjament dawn l-attivitajiet.

23.8 Aġġornament

23.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 24 t' Awwissu 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv